MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Numru. 436/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**Priscilla Cassar ta' 27 sena, bint Joseph Cassar u Rose nee' Galea, imwielda Pieta' fis-6 ta' Jannar 1982 u residenti 44, Triq Santa Marija, Hamrun detentrici tal-karta ta'l-identita' bin-numru 60982(M)**

**u**

**Marquita Attard ta' 29 sena, bint Joseph Attard u Maria nee' Farrugia, imwielda Attard fid-19 ta' April, 1980, u residenti 26, St. Benedict Flats, Triq Zemelli, hamrun detentrici tal-karta ta'l-identita' bin-numru 207980(M)**

**Illum 9 ta' Dicembru 2009**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taz-zewg imputati Priscilla Cassar u Marquita Attard li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Jannar 2008:

mexxew biljetti tal-flus Euro falsifikati meta kienu jafu li kienu falsifikati;

kif ukoll talli fl-istss data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom biljetti tal-flus Euro falsifikati, meta kienu jafu li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;

u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' mitt euro (€100) ghad-dannu ta' John Pace u Maria Borg.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali permezz tan-nota tar-rinviju tieghu tat-13 ta' Frar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li tghaw lok ghal dawn il-proceduri sehhew fil-bidu tas-sena 2008, meta Malta kienet ghada kemm dahhlet fiz-zona ewro. Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi iz-zewg imputati kellhom fil-pussess taghhom zewg karti tal-hamsin ewro ‘il wahda. Ma hemmx kontestazzjoni lanqas dwar il-fatt illi huma ippruvaw juzaw dawn il-flus sabiex jixtru bihom u ghal dana il-ghan huma inkarigaw lil certu Marquita Farrugia sabiex taghmel dana. Madanakollu ghar-rigward tal-bqija tal-fatti li sawru dana il-kaz ma hemmx qbil bejn iz-zewg imputati. Lanqas ma jirrizulta fic-car jekk dawn il-flus kenux jappartjenu lil xi wahda minn dawn l-imputati jew lit-tnejn li huma. Iz-zewg imputati madanakollu isostnu, u dana biss fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija *a tempo vergine*[1], illi huma ma kenux jafu illi dawna z-zewg karti tal-flus kienu foloz. Dana qed jinghad peress illi l-imputati la xehdu f’dawna il-proceduri u wisq anqas ressqu provi sabiex jissostanzjaw dina l-affermazzjoni.

Illi il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu b’mod ewlieni fix-xhieda ta’ Marquita Farrugia li kient komplici f’dana il-kaz. Il-proceduri fil-konfront ta’ dina Farrugia gew konkluzi permezz ta’ sentenza moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta’ April 2008 fuq ammissjoni ta’l-istess Marquita Farrugia.[2] Marquita Farrugia xehdet f’dawn il-proceduri u irrakkontat kif hija intbaghtet tixtri f’zewg okkazzjonijiet miz-zewg imputati fejn hija giet infurmata qabel ma dahhlet tixtri illi l-karti tal-hamsin ewro kienu foloz. Fil-fatt fl-ewwel okkazzjoni meta hija dahhlet tixtri minn gewwa Santa Marija Confectionery tal-Hamrun, l-imputata Marquita Attard qaltilha sabiex izomm dina l-karta fil-ponn ta’ idejha peress illi dina kienet falza. Xi ftit tal-hin wara hija regghet intbaghtet biex isarraf karta ohra u marret tipprova taghmel dan quddiem il-Union bar gewwa il-Hamrun fejn hemmhekk sabet lil John Pace li accetta li isarrfilha izda hekk kif kien qiegħed jaghmel dana, gew il-pulizija li diga kienu ircevew rapport illi kien hemm flus foloz li kienu qed

[1] Ara stqarrijiet Dokumenti AG5 u AG6 a fols.32 u 34 tal-process
[2] Dokument JM2 a fol.129

jitmexxew minn xi tfajliet, u arrestaw lil Farrugia.[3] Farrugia kemm fix-xhieda taghha, kif ukoll fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija tghid u issostni illi l-imputata Attard kienet gharrfitha illi il-flus kienu foloz. Jidher illi Farrugia kienet telqet minn fuq il-post tax-xoghol taghha ghal habta tad-disgha ta’ fil-ghodu u erhitilha lejn id-dar taghha gewwa l-Hamrun. Hekk kif nizzlet minn tal-linja iltaqghet ma’l-imputati u Vanessa Mizzi li staqsewha jekk reditx tinzel sal-garaxx taghhom minn fejn imexxu n-negozju taghhom tad-detergents. Huma hu sejrin fit-triq Attard talbitha tinzel tixtrilha minn ghand *confectionery* card tal-GO mobile u coca u tatha karta tal-hamsin ewro. Hawnhekk hija qaltilha li l-karta kienet falza u qaltilha ukoll sabiex izomm dina l-karta kobba f’idejha sabiex tal-hanut ma jindunax. Fil-fatt Farrugia xtrat coca biss u inghatat, il-bqija liema bqija hija ghaddietha lil Attard. Baghqu sejrin lejn il-garaxx u hi qaghdet fil-karozza tisma xi muzika filwaqt li l-ohrajn nizlu u dahhlu gewwa.  Madwar kwarta wara,  Attard regghet qaltilha beix tmur tixtrilha. Tatha karta tal-hamsin ewro ohra u qaltilha biex tipprova isarrafha ghand l-istess hanut peress illi dana ma kienx induna li l-ewwel wahda kienet falza. Meta Farrugia marret ghand dana il-hanut huwa ma kellux biex isarfilha hamsin ewro ohra u ghalhekk hija marret hdejn il-Union Bar fejn ippruvat issarraf dina l-karta. Hemmhekk waqqfuha l-pulizija. Dina l-verzjoni ta’ Farrugia hija korroborata mix-xhieda ta’ Jesmar Winters[4] li kien qieghed fil-hanut tal-confectionery u xehed illi Farrugia kienet marret darbtejn ghandu b’karta ta’ hamsin ewro, kif ukoll ta’ John Pace[5] li sarraf il-karta tal-hamsin ewro lil Farrugia quddiem il-Union Bar.

Illi l-Qorti temmen dina l-verzjoni moghtija minn Farrugia u dana peress illi meta imqabbla mal-provi l-ohra cirkostanzjali, il-fatti kif esposti minn dina x-xhud jaghmlu iktar sens minn dak mistqarr miz-zewg imputati fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom.

---

[3] Ara xhieda Marquita Farrugia a fol. 42 u stqarrija rilaxxjata minnha a fol.111 u 112 tal-process
[4] Ara xhieda a fol.137
[5] Ara xhieda a. fol 132

Qabel xejn il-Qorti tosserva illi z-zewg imputati ma jaqblux fl-esposizzjoni tal-fatti kif imnizzla fl-istqarrijiet rispettivi taghhom. Fl-ewwel lok l-imputati ma jaqbblux fil-hin. Filwaqt illi Cassar tghid illi iltaqghet ma Farrugia ghal habta ta’ nofs in-nhar, Attard issostni illi huma iltaqghu ghal habta tad-disgha ta’ fil-ghodu. Cassar issostni illi hija tat il-flus lil Farrugia minn portmoni iswed fiz-zewg okkazzjonijiet li baghtitha tixtri u issostni inoltre illi hija baghtitha tixtri minn xi *confectionery* vicin il-garaxx taghha. Wara l-ewwel okkazzjoni, tghid illi hija poggiet il-bqija f’portmoni abjad, imbaghad meta reghhet baghtet lil Farrugia tixtri ftit tal-hin wara, minflok tatha flus minn dina l-bqija tatha karta ohra ta’ hamsin ewro. Dana qalet ghamlitu ghaliex tkun trid izzomm il-flus zghar biex taghti l-bqija. Issostni illi dawn il-flus ta’ hamsin ewro ghaddewhomlha gewwa Sqallija meta hija marret Sqallija madwar xahar qabel, izda ma uzathomx qabel dak in-nhar! Attard min-naha taghha taghti verzjoni kompletament differenti. Hija tghid li marru jixtru bil-karozza u kienet qed isuq hi. Maghhom kien hemm certu Vanessa u Paul Gatt. Ma issemmiex illi kien hemm Cassar ukoll. Tghid illi waqqfet quddiem *confectionery* u baghtet lil Farrugia tixtrilha b’dina il-karta tal-hamsin ewro. Hawnhekk taqbel ma’ dak li tghid Farrugia u cioe’ li hija baghtitha tixtrilha coca u card tal-mobile, izda tal-hanut ma kellux card tal-mobile u Farrugia gabitilha il-coca biss u ghaddietilha il-bqija. Nizzlu il-garaxx u wara ftit tablet lil Farrugia sabiex tmur tixtri card tal-mobile ghal Cassar u ohra ghaliha u tatha karta ohra tal-hamsin ewro. Mistoqsija ‘il ghala regghet tat lil Farrugia karta ohra tal-hamsin ewro, tghid li riedet issarrafha biex tmur tixtri id-diesel. Tghid illi solitu tixtri madwar Lm25 ghad-diesel. Kieku dana kien minnu certament hija ma kellhiex ghalfejn issarraf il-hamsin ewro ghaliex dina l-karta tal-flus certament kienet isserviha.

L-imputati ghalhekk ma jikkovvincux lill-Qorti illi huma ma kenux jafu illi dawn il-flus kienu foloz. L-ewwelnett ghaliex ma jaqblux f’dak illi ighidu. Inoltre huwa kemmxejn stramb kif baghtu lil Farrugia tixtri darbtejn f’nofs ta’ nhar, fi spazju ta’ ftit hin, fiz-zewg okkazzjonijiet bl-iskop li isarfu karta tal-hamsin ewro. Certament kieku verament riedu imorru

jixtru, huma kienu juzaw il-bqija mill-ewwel xirja u mhux jippruvaw isarfu karta ohra tal-hamsin ewro. Illi anke minn dak illi tistqarr WPS220 Janatha Grixti u kif jirrizulta ukoll mill-okkorenza imhejjija mill-pulizija jidher illi Attard qaltilha illi hekk kif dawn il-flus bellawhom lilhom, huma riedu ibellawhom lil haddiehor.[6] Dana id-diskors ikompli jikkonferma kemm l-imputati kienu jafu illi dawn il-flus kienu foloz.

Illi finalment ir-rapport imhejji mill-espert nominat mill-Qorti Joseph Bonnici jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi dawn iz-zewg karti ta' hamsin ewro il-wahda mertu ta' din il-kawza u esebieti bhala Dokumenti AG2 u AG3 huma fil-fatt karti tal-flus foloz.[7]

Illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika id-disposizzjonijiet 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Bank Centrali kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirregolaw ir-reat dwar il-frodi li abbazi taghhom din il-Qorti tista' issib htija fil-konfront taz-zewg imputati.

Illi interessanti id-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw il-falsifikazzjoni tal-flus u ic-cirkolazzjoni ta' flus foloz fil-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi filwaqt illi fil-kamp penali ir-regola generali hija illi l-piz tal-prova hija fuq il-prosekuzzjoni u dana sabiex tipprova l-akkuzi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, meta wiehed jigi biex jitratta dawn it-tip ta' reat il-piz tal-prova taqa' fuq l-akkuzat u dana sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi huwa jew hija ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi il-flus ma kenux foloz.

Illi l-artikolu 45(1) jiddisponi testwalment:

**"Kull min jiffalsifika xi biljetti tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat, jista' jehel meta jinsab hati prigunerija ….**

[6] Ara xhieda ta' WPS 220 a fol.73 u 74 tal-process u ir-rapport a fol.19 sa 23.
[7] Ara rapport ta' Joseph Bonnci Dokument JB a fol.62 et seq.

**Izda meta biljett tal-flus iffalsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kenitx taf li kien falsifikat, il-piena tigi ridotta ghal zmien …"**

L-artikolu 46 imbaghad ighid:

**"Kull min minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat, li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat, jehel meta jinsab hati …."**

Illi kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq, l-imputati ma ressqux l-icken prova. L-uniku verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputati tinsab biss fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom. Illi kif gie osservat, dawn iz-zewg verzjonijiet ma ghandhom xejn minn sewwa, ma humiex veritjieri u jistghu biss iservu sabiex jindikaw illi l-imputati kienu jafu ben tajjeb illi dawn iz-zewg karti tal-hamsin ewro li kellhom fil-pussess taghhom kienu foloz. Illi inoltre ma hemmx dubbju illi huma kienu qed jippruvaw imexxuhom u inqdew b'Marquita Farrugia sabiex jaghmlu dana. L-intenzjoni taghhom kienet wahda u cioe' illi bl-uzu ta' dawna il-flus foloz huma jiffrodaw lill-vittmi taghhom billi b'uzu qarrieqa ta' dawna il-karti huma jaghmlu qliegh u dana kif previst fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.**

Illi ghar-rigward ta'l-akkuza tal-frodi jew truffa ai termini ta'l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u tal-frodi innominati ai termini ta'l-artikolu 309, fil-ligi taghna sabiex ikun hemm il-kommissjoni ta' dawn ir-reati jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli il-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata volontarjament taghti xi haga lil-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi – dak li fid-dottrina jissejjah il-*mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru

frawdolent innominat) – (ara sentenza Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza Appelli kriminali 12/02/1999).

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Sammut (16 ta' Marzu 1999), gie deciz:

**"Il-messa in xena (jew artifizi jew raggiri), mehtiega ghall-finijiet ta'l-artikolu 308 ma hemmx ghalfejn li tkun xi haga kkumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet. Infatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raggiri jistghu jiehdu." Illi f'dana il-kaz wiehed ma jistax ighid illi l-imputat ma arkitettatx pjan ikkumplikat sabiex jasal ghal finijiet ta' mohhu, tant illi il-qligh illi ghamel kien wiehed konsiderevoli.**

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputati huma hatja ukoll ta' dan ir-reat kif previst fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti sejra tapplika id-disposizzjoni 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi iz-zewg reati kienu tali illi il-wiehed u cioe' l-uzu tal-flus foloz, serva bhala mezz ghal fini tal-kummissjoni tar-reat tal-frodi u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tapplika il-piena ghar-reat l-iktar gravi. Illi inoltre it-tieni akkuza inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel u kwindi il-Qorti sejra issib htija biss fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta'l-imputati. Illi finalment il-Qorti tqies ukoll illi l-imputati ghandhom fedina penali nadifa jew kwazi nadifa u li l-karti foloz kienu f'ammont zghir u ghalhekk piena karcerarja effettiva f'dana il-kaz ma hijiex wahda idoneja.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17(h), 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi dina hija alternattiva ghall-ewwel, issib lill-imputati hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, u tikkundanhom ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li fid-

dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment b'applikazzjni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-imputati ihallsu ugwalment bejniethom is-somma ta' €139.76 lir-Registratur tal-Qorti bhala spejjez peritali inkorsi f'din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------